MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

## MAGISTRAT DR. MALLIA MICHAEL LL.D.

Seduta ta' 14 ta' Ottubru, 2002

Avviz Numru. 381/2002/1

**Pater Finance Co. Ltd**

**vs**

**Rolando Cusimano**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' erbat elef, tliet mija u hamsa u tmenin lira Maltin (Lm4,385.00) rapprezentanti import ta' tlieta u tletin (33) kambjala, wahda ta' Lm65 (bilanc) u tnejn u tletin ta' Lm135-il wahda, debitament accettati u skaduti minn Ottubru, 1999, sa' Gunju, 2002, rispettivament u mhux imhallsa, annessi bhala dokumenti numri minn 1 ta' 33 konsekuttivament u inklusivament.

Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sat-28 ta' Mejju, 2002, jammontaw ghal Lm491, oltre l-imghax

ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjez, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fis-7 ta' Ottubru, 2002, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici  bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Anthony Zammit
Dep Reg.